# Il-Poeta Nazzjonali u l-Madonna tal-Karmnu

Mons. Lawrence Cachia



Is-sena li għaddiet Malta fakkret il-Ħamsin sena mill-mewt tal-Poeta Nazzjonali Mons. Carmelo Psaila (1871 – 1961) Monsinjur Psaila kien ferħan li, meta twieled, ommu Lunzjata u missieru Filippu semmewh għall-Madonna tal-Karmnu. Dun Karm, għax kulħadd hekk kien isejjaħlu, kien devot kbir tal-Madonna. Kuljum kien igħid ir-Rużarju quddiem Ġesu' Sagramentat, u kiteb ħafna poeżiji sbieħ lill-Madonna bħal ma' huma l-innu 'Fil-ħlewwa ta' Mejju', is-sunett 'Bjuda', u tant oħrajn.

Imma l-poeżija li tolqotni ħafna hija dik li Dun Karm, f'mument ta' inkwiet kbir, kiteb lill-Madonna tal-Karmnu, fejn qalilha biex ma tinsiex li ommu kienet semmietu għall-Madonna tal-Karmnu u għalhekk kien jittama ħafna li l-Madonna tgħinu, kif tassew għenitu. Għax Dun Karm, bl-interċessjoni tal-Madonna għeleb dak l-inkwiet li kellu, u baqa' jegħleb ħafna diffikultajiet oħra, tant li dam ħaj kważi disgħin sena. Miet ftit ġranet biss qabel għalaq id-disgħin. Il-poeżija lill-Madonna tal-Karmnu hija din:

Madonna, la tinsiex li l-mara tajba
Li kienet ommi tatni l-isem tiegħek;
Għax kellha tama fik, u xtaqet, xtaqet,
Li binha ċ-ċkejken jibqa' dejjem miegħek.

U kienet tgħidlek ta' sikwit (dan nafu
Għaliex qal'thuli hi meta bdejt nifhem):
"Jekk Karmnu jwarrab minnek, hudu m'n issa,
Għax jiena mħabba fik tajtu dan l-isem".

Issa, Madonna, dik il-mara tajba
Li kienet ommi w tatni l-isem tiegħek,
Qegħdha bla kelma ġewwa qabar ċkejken,
U jien bqajt waħdi hawn, nitkellem miegħek.

Madonna, Int li taf x'ifisser niket,
Nitolbok la tinsiex il-kelma t'ommi.
Jekk l-hemm li ninsab fih ibegħedni minnek,
Iġborni miegħek: din qalbi fuq fommi.

Fl-1954, meta Dun Karm kien xiħ sewwa, xi Maltin tal-Eġittu talbuh jikteb poeżija f'għeluq il-mitt sena tal-Fratellanza tal-Karmnu ta' dawk il-Maltin. Dun Karm kiteb hekk:

F'għeluq il-mitt sena
Li ilek fi ħadn'a,
Fil-Fidi twettaqna
Fil-hemm tieqaf magħna.

Madonna tal-Karmnu,
Għajn safja ta' mħabba,
Li dejjem madwarek
Il-Ġilju jitrabba,

Nixtiequ minn qalbna
Li tibqa' thennina,
Li inti għal dejjem
Tkun tagħna r-Reġina.

J'Alla nimitaw lill-Poeta Nazzjonali fl-imħabba lejn il-Madonna tal-Karmnu.

